# Mis-Sur John Micallef

## Giorgio Costantino Schinas u l-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu



Giorgio Costantino Schinas kien il-perit li għamel il-pjanta u li segwa l-bini tal-knisja ta' San Gejtanu. Tajjeb li nagħtu titwila ħafifa lejn il-ħajja tiegħu u lejn il-bidu tal-bini tal-knisja tagħna.

Il-perit Giorgio Schinas twieled fl-1834 il-Belt Valletta, iben il-Professur Constantino Schinas u Eliżabetta Camilleri. Studja l-Arkitettura u l-Inġinerija fl-Universita' ta' Pavia u fir-*Reale Scuola d'Applicazione degli Ingegneri* ta' Turin. Huwa kiseb id-Dottorat, fl-1863. Schinas kien professur tal-Matematika u l-Fiżika fl-Universita ta' Malta. Huwa ngħata l-*warrant* ta' Arkitett u *Land Surveyor* mingħand il-Gvernatur ta' Malta ta' dak iż-żmien, Sir Arthur Borton, fit-22 ta' Frar 1879.

Huwa daħal fis-servizz tal-Gvern u laħaq Direttur Ġenerali tax-Xogħolijiet Pubbliċi. Dam f'din il-kariga mill-4 ta' April ta' l-1888 sat-30 ta' April 1894. Huwa ddisinja l-*Water Pumping Station* ta' Ħal Luqa u saħansitra, din il-*pumping station* hija msemmija għalih. Flimkien ma' l-Inġinier Osbert Chadwick, Schinas għamel studji u pprepara rapporti fuq it-titjib tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' l-ilma f'Malta. Ta' dawn hu ħareġ pubblikazzjonijiet fl-1886 u l-1888.

**Knisja San Gejtanu**

Issa niġu għall-knisja u naraw li għal ħabta ta' l-1840 fil-Ħamrun ġa kien hawn mal-5000 ruħ. Dan minħabba li fil-port kien hawn ħafna xogħol u allura l-ħaddiema bdew ifixxu post viċin fejn joqgħodu. Għaldaqstant, twaqqaf kumitat sabiex jibdew jaħsbu għal knisja ġdida, immexxi minn Dun Fortunato Valletta, li aktar tard, kif kien xieraq, sar l-ewwel Kappillan. L-art inkisbet mingħand l-Imħallef Giovanni Conti fl-1868 u skont il-kuntratt, il-knisja kellha tinbena fi żmien għaxar snin. L-Imħallef Conti, li kellu ibnu perit u bħala d-donatur ta' l-art, ippretenda li kellu jitqabbad ibnu sabiex iħejji l-pjanta. Għal xi raġunijiet validi, ma ntagħżilx it-tifel ta' l-Imħallef, u minfloku tqabbad il-Perit Schinas li kellu reputazzjoni ta' bniedem ta' kapaċita' kbira. Għalhekk, skont xniegħat, inqalgħu xi differenzi bejn il-familja ta' l-Imħallef Conti u l-kumitat li ġie ffurmat għall-bini tal-knisja. Riżultat ta' dan kien li l-Imħallef Conti ma jagħtix aktar art milli kien miftiehem, bil-konsegwenza li l-knisja spiċċat b'kor qasir ħafna u wara l-knisja (Triq San Ġwann) inbniet kollha djar. Infatti, fl-ewwel sketch li ħażżeż il-Perit Schinas, l-artal il-maġġur kellu jmiss ma' Triq San Ġwann. Tajjeb jingħad, li l-Knisja ta' San Gejtanu hija l-unika waħda li bena l-perit Giorgio Schinas.

L-ispejjeż ta' din il-faċċata qed ikunu sponsorjati minn

**Ta' Valletta L-ikbar għażla... bl-aqwa prezzijiet**

Statwi u bambini ta' Spanja "Spanish Prestige - Statwi ta' l-Italja "Arte Religiosa"
Statwi titulari ta'Malta u Għawdex - Raġġieri, Xemgħa u Liedna
222A, High Street, Ħamrun - Tel: 27026262 / 27239157 / 27018235 / 99421683



# Giorgio Costantino Schinas u l-Knisja Parrokkjali

Il-Knisja hija fuq stil Gotiku u l-ewwel ġebla tbierket mill-Isqof Fra Gaetano Pace Forno, Isqof ta' Malta u benefattur kbir tal-knisja tagħna, nhar il-Ħadd 13 ta' Ġunju 1869. Fil-11 ta' Lulju 1875, l-Isqof Karmenu Scicluna berikha u fetaħha għall-ewwel darba għall-pubbliku. Il-Knisja ġiet ikkonsagrata mill-Arċisqof Mawro Caruana fis-26 ta' Settembru 1930.

Tkellimt mas-Sur Adrian Schinas li huwa l-pro neputi ta' Giorgio C. Schinas u huwa wkoll perit tal-Gvern. Qalli li fi żmien il-gwerra kienu ntilfulhom ħafna affarijiet u dokumenti (uħud minnhom x'aktarx xogħolijiet ta' bużnannuh), u ma setax jagħtini xi nformazzjoni li xtaqt. Iżda ġentilment tani kopja ta' ritratt rari ta' bużnannuh li sfortunatament ma nistgħux nirriproduċuh f'din il-pubblikazzjoni.

La qed nitkellmu fuq il-knisja, nixtieq inħeġġeġ lill-Ħamruniżi, l-aktar dawk li ħarġu mill-Ħamrun sabiex jgħinu finanzjarjament, kulħadd kif jista', għar-restawr tal-koppla li kif jaf kulħadd ġejja tiswa somma ġmielha. Filwaqt li nispera li sibtu dan l-artiklu nteressanti, nixtieq il-festa t-tajba lil kulħadd.

Referenzi: *Bijografiji Maltin* u *Bliet u Rħula Maltin*.

---



Wara ż-żjajjar tal-familji mill-Kappillan fiż-Żona tal-Blata l-Bajda, li bdew f'Ottubru tas-sena l-oħra, twaqqaf Grupp ġdid ta' residenti, li qed jiltaqa' kull raba' Ħamis tax-xahar, fl-Iskola ta' St. Joseph. Wieħed mill-għanijiet ta' dan il-Grupp huwa li tinbena aktar il-komunita' f'din iż-Żona periferika tal-Parroċċa. Flimkien, qed nagħmlu mixja ta' Fidi, bl-istudju tal-Kelma ta' Alla u bit-talb. Qed insiru nafu aktar lil xulxin u nistennew minn xahar għall-ieħor li niltaqgħu. Nawguraw li dan il-Grupp jissaħħaħ u jikber. Nirringrazzjaw lis-Sorijiet ta' St. Joseph talli jilqgħuna f'darhom b'tant ġenerożita'.

L-ispejjeż ta' din il-faċċata qed ikunu sponsorjati minn

**Upward Door Systems Ltd. (UDS)**

**Garage Doors / Service / Installation / Parts**

**UDS Malta Leading Garage Door Fabricator**

Industrial Estate, Xewkija, VCT 110 Gozo - Tel: 21564456 / 99427391

E-mail: uds@maltanet.net www.udsmalta.com